MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 271/2010

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Vs**

**Joseph Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici nhar it-28 ta’ Lulju 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u erba’ Ewro u hamsa w hamsin centesmu (€6,904.55) rapprezentanti danni mhallsa minnha lil terzi ghan-nom tal-konvenut, kif kienet obbligata li taghmel ai termini ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema danni huma dovuti minghandu peress illi huwa kiser it-termini w il-kondizzjonijet tal-polza assikurattiva numru 73431 0269120 mahruga mis-socjeta’ attrici fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GID 101 wara illi huwa kien fi stat ta’ intossikazzjoni waqt li kien qed isuq il-vettura

msemmija fit-2 ta’ Settembru, 2007 ghall-habta tal-erbgha w nofs ta’ wara nofsinhar fi Triq l-Imdawra, Burmarrad, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, u kien involut f’incident fejn gew subiti danni minn terzi, hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra legali datata 22 ta’ April 2010 huwa baqa’ inadmepjenti w ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez inluzi dawk ta l-ittra legali tat-22 ta’ April 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors, u bl-imghaxijiet millum sal-gurnata tal-pagament effettiv kontrih u huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut notifikat bir-rikors promotur nhar it-18 ta’ Novembru 2010 kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal Eugenio Mallia a fol. 7 tergo tal-process, baqa’ kontumaci w ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu.
Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2010 l-konvenut ma dehwrx sabiex jikontestat t-talbiet attrici.

Illi fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2010 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

**Illi nhar il-15 ta’ Dicembru meta gie mghajjat il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu, u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li t-talba rikorrenti ghandha tigi milqugha w konsengwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ sitt elef, disa mija w erba’ Ewro w hamsa u hamsin centezmi (€6,904.55).**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu mill-konvenut flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficcjali tat-22 ta’ April 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat nhar it-28 ta’ Lulju 2010 u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali w cioe’ nhar it-22 ta’ April 2010 sad-data tal-effettiv pagament.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------